

EMENDI 001-010

mill-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapport

Paolo De Castro

A7-0161/2011

Appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali
(COM(2010)0537 – C7-0295/2010 – 2010/0266(COD))

Proposta għal regolament (COM(2010)0537 – C7-0295/2010 – 2010/0266(COD))

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) *Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa* tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat biex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005. *L-elementi li għalihom tista' tiġi eżerċitata din is-setgħa għandhom jiġu ddefiniti, flimkien mal-kundizzjonijiet li għalihom għandha tkun suġġetta dik id-delega.*

(3) *Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament kif suppost tar-reġim stabbilit minn dan ir-Regolament, is-setgħa biex* tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat *dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni* biex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005. *Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa tul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell espert tagħha. Il-Kummissjoni, meta tipprepara u tfassal atti delegati, għandha tiżgura li ssir trażmissjoni simultanja, fil-ħin u adegwata tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tirrifletti l-"Ftehim Komuni" dwar arranġamenti prattiċi għall-użu ta' atti delegati (Artikolu 290 TFUE) sabiex isir qbil formali dwarhom mill-Kunsill u l-Parlament.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Sabiex ***tiġi garantita applikazzjoni*** uniformi tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 fl-Istati Membri kollha, il-Kummissjoni għandu jkollha l-poter tadotta atti implimentattivi skont l-Artikolu 291 tat-Trattat. **Ħlief fejn jingħad espliċitament xort'oħra, il-Kummissjoni għandha tadotta dawk l-atti implimentattivi** skont ***id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru XX/XXXX*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***dwar...***

Emenda

(4) Sabiex ***jiġu żgurati kundizzjonijiet*** uniformi ***għall-implimentazzjoni*** tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, ***is-setgħat implimentattivi għandhom jiġu kkonferiti lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat, ħlief fejn jingħad espliċitament xort'oħra, għandhom jiġu eżerċitati*** skont ***ir-Regolament (UE) Nru 182/2011*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni¹.***

¹ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tikkunsidra r-"Regolament dwar is-setgħat ta' implimentazzjoni" (Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-mekkaniżmi tal-kontroll mill-Istati Membri għall-eżerċizzju mill-Kummissjoni tal-poteri ta' implimentazzjoni) li jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2011.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 9

Regolament (KE) Nru 1698/2005

Artikolu 24 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Bħala minimu, is-servizz ta' konsulenza lill-bdiewa għandu jkopri rekwiżit wieħed

Emenda

Is-servizz ta' konsulenza lill-bdiewa ***(inkluża l-konsulenza teknika)*** għandu ***fil-***

jew aktar tal-ġestjoni statutorja u kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba pprovduti fl-Artikoli 5 u 6 u fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 u, fejn rilevanti, standard wieħed jew aktar ta' sikurezza fuq il-post tax-xogħol abbażi tal-*leġislazzjoni* tal-Unjoni.

każijiet kollha jkopri *aktar minn* rekwiżit wieħed tal-ġestjoni statutorja u kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba pprovduti fl-Artikoli 5 u 6 u fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 u, fejn rilevanti, standard wieħed jew aktar ta' sikurezza fuq il-post tax-xogħol abbażi tal-*leġislazzjoni* tal-Unjoni.

Emenda 4

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 18

Regolament (KE) Nru 1698/2005

Artikolu 43 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Għall-finijiet tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, 'bdiewa' tfisser persuni li jiddedikaw parti essenzjali mill-ħin tax-xogħol tagħhom għal attivitajiet agrikoli u li minnhom jaqilgħu parti sinifikanti tad-dħul tagħhom skont kriterji li għandhom jiġu ddefiniti mill-Istat Membru.

Emenda

L-uniċi riċevituri eliġibbli għall-għajnuna li għaliha jirreferi dan l-Artikolu huma l-bdiewa jew l-assoċjazzjonijiet tal-bdiewa li jiddedikaw parti essenzjali mill-ħin tax-xogħol tagħhom għal attivitajiet agrikoli u minnhom jaqilgħu parti sinifikanti tad-dħul tagħhom skont kriterji li għandhom jiġu ddefiniti mill-Istat Membru.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Artikolu 1 - punt 26 - punt b

Regolament (KE) Nru 1698/2005

Artikolu 66 - paragrafu 3 - subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

"Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' *regoli* ta' implimentazzjoni, tadotta regoli dwar l-istabbiliment u t-tħaddim tan-netwerk rurali nazzjonali."

Emenda

"Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' *atti* ta' implimentazzjoni, tadotta regoli dwar l-istabbiliment u t-tħaddim tan-netwerk rurali nazzjonali."

Ġustifikazzjoni

Bidla teknika.

Emenda 6

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 27 a (ġdid)

Regolament (KE) Nru 1698/2005

Artikolu 69 - paragrafu 5 d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(27a) Fl-Artikolu 69 għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

5d. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 29(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005, f'każ ta' Stati Membri li għażlu programmi reġjonali, il-kalkolu tal-kanċellazzjoni awtomatika tar-riżorsi finanzjarji jista' jsir fil-livell tal-Istat Membru.

Emenda 7

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 29 – punt b a (ġdid)

Regolament (KE) Nru 1698/2005

Artikolu 71 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(ba) Fil-paragrafu 3, punt (a) tat-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:
"(a) VAT, minbarra VAT mhux irkuprabbli meta tinżamm ġenwinament u definittivament minn benefiċjarji [...]."**

Emenda 8

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 29 – punt b b (ġdid)

Regolament (KE) Nru 1698/2005

Artikolu 71 – paragrafu 3 – subparagrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bb) Il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal wara l-paragrafu 3:

'3a. Ix-xogħol li jsir abbażi tal-ħin u l-materjal mill-benefiċċjarji aħħarija, bħala parti mill-miżuri tal-iżvilupp rurali, bl-użu

tal-ħaddiema, tal-materjali u tat-tagħmir tal-impriża, għandu jkun eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-FAEŻR; f'każijiet bħal dawn, l-ammont tan-nefqa għandu jiġi kkalkulat abbażi ta' lista ta' prezzijiet għad-diversi xogħlijiet imwettqa.'

Emenda 9

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 37

Regolament (KE) Nru 1698/2005

Artikolu 91b

Test propost mill-Kummissjoni

1. *Is-setgħat* biex jiġu adottati l-atti delegati *msemmija f'dan ir-Regolament għandhom jiġu konferiti* fuq il-Kummissjoni *għal perjodu ta' żmien indeterminat.*

Malli tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha simultanjament tinnotifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar dan.

2. Id-delegazzjoni tas-setgħat *tista' tiġi rrevokata f'kull waqt mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.*

Emenda

1. *Is-setgħa* biex jiġu adottati l-atti ddelegati qed *tiġi konferita* fuq il-Kummissjoni, *filwaqt li tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*

2. Id-delega ta' setgħa *li saret referenza għaliha fl-Artikolu 5(2) u (6), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(2), Artikolu 20a, Artikolu 32(1)b, Artikolu 36a, Artikolu 38(2), Artikolu 51(4), Artikoli 52a u 63a, Artikolu 66(2), Artikolu 70(1), Artikolu 71(5), l-ewwel sentenza tal-Artikolu 74(4), Artikolu 86(9) u Artikolu 92(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn ...*. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delegazzjoni tas-setgħat mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delegazzjoni tas-setgħa għandha tiġi estiża taċitament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponix din l-estensjoni, mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.*

L-istituzzjoni li tkun bdiet proċedura interna sabiex jiġi deċiż jekk tiġix revokata d-delega tas-setgħat, għandha tagħmel ħilitha biex tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni, f'perjodu ta' żmien raġonevoli qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, billi tindika s-setgħat delegati li jistgħu jkunu s-suġġett tar-revoka, kif ukoll ir-raġunijiet possibbli tar-revoka.

Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega *tas-setgħat* speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ *immedjatament jew f'data aktar tard li tkun speċifikata fiha*. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li diġà jkunu fis-seħħ. *Hija għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

3. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att iddelegat fi żmien perjodu ta' xahrejn mid-data tan-notifika. Fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'[xahrejn].

Jekk mal-iskadenza ta' dak il-perjodu, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkun oġġezzjona għall-att delegat, huwa għandu jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għandu jidħol fis-seħħ fid-data indikata hemmhekk.

L-att delegat jista' jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jidħol fis-seħħ qabel ma jiskadi dak il-perjodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li ma kienx beħsiebhom joġġezzjonaw għalih.

Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal att delegat, l-att ma għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li

3. Id-delegazzjoni tas-setgħa tista' tiġi revokata f'kull waqt mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega *tas-setgħa* speċifikata f' dik id-deċiżjoni. Għandu jkollha effett *l-għada tal-pubblikazzjoni ta' din id-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha*. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe atti delegati li diġà huma fis-seħħ.

4. Malli jiġi adottat att delegat, il-Kummissjoni għandha simultanjament tinnotifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar dan.

5. L-att delegat li jiġi adottat skont dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun espressa l-ebda oġġezzjoni

toġġezzjona l-att delegat għandha tagħti r-raġunijiet għall-oġġezzjonijiet tagħha.

mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill, fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel tmiem dak il-perjodu, sew il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

** Id-data tad-dħul fis-seħħ dan ir-Regolament*

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tirrifletti l-"Ftehim Komuni" dwar arranġamenti prattiċi għall-użu ta' atti delegati (Artikolu 290 TFUE) sabiex isir qbil formali dwarhom mill-Kunsill u l-Parlament.

Emenda 10

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 37

Regolament (KE) Nru 1698/2005

Artikolu 91c

Test propost mill-Kummissjoni

[Din il-parti għandha timtela wara li jiġi adottat ir-Regolament li jistipula r-regoli u l-prinċipji ġenerali fir-rigward tal-mekkaniżmi għall-kontroll previsti fl-Artikolu 291(2) tat-TFUE, li bħalissa qiegħed jiġi diskuss quddiem il-PE u l-Kunsill.]

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat għall-Iżvilupp Rurali. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati bi qbil mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011, li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.*

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011¹.

¹ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tikkunsidra r-"Regolament dwar is-setgħat ta' implimentazzjoni" (Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-mekkaniżmi tal-kontroll għall-Istati Membri dwar l-eżerċitar tal-poteri ta' implimentazzjoni

mill-Kummissjoni) li jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2011.